MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 357/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlos Cordina)**
**Vs**
**Nazzareno Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 t'Awwissu, 2008 fid-9.00 p.m. Triq is-Summien, Safi,
1. kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
2. ukoll hedded u insulenta u ghajjar l-istess Mary Zammit u l-ohtha Margaret Bongailas bi kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-qorti laghqet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputat u ddikjarat l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat bhala preskritti w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-parti leza Maria Zammit minnha pprezentat fid-9 t'Ottubru, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata w tiddikjara l-azzjoni mhux estinta bil-preskrizzjoni w tordna li l-atti jigu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex il-proceduri jitkomplew skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Rat illi l-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ufficjal Prosekutur :-

1. kellu zewg Police Incident Reports fid-database gewwa l-ghassa tal-Pulizija, mnejn seta' jaghmel printout;
2. kellu Police file fuq il-kaz;
3. kellu prezenti lis-Surgenti li kienu rcevew ir-rapporti;
4. kien hemm prezenti l-kwerelanti Marija Zammit;
5. kellu l-ittra ta' Dr. Marion Camilleri LL.D, li rriferiet specifikament ghal zewg incidenti separati;
6. seta' jcempel l-Ghassa u jaghmel il-verifiki mehtiega, sew qabel u sew waqt is-seduta, w fuq kollox;
7. kellu f'idejh l-affidavit ta' PS 850 Simon Buttigieg : "Illi nhar it-23 ta' Awwissu, 2008 ghal habta tal-23.30 hrs waqt li kont night watch l-ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq ……"

Imma minn dawn l-affarijiet kollha m'ghamel xejn, u minflok :
Minghajr ma kkonsulta lill-kwerelanti,
Minghajr ma kellem lill-Avukat tal-kwerelanti,

Qabad u talab "korrezzjoni" fl-imputazzjoni, u b'hekk l-indikazzjoni tad-data korretta giet sostitwita b'indikazzjoni ta' data zbaljata.

Kien jaf illi l-preskrizzjoni ghal dawk l-imputazzjonijiet hija dik li tipprovdi l-ligi, 3 xhur.
Kien jaf illi jekk jitlob "korrezzjoni" tkun trid issir in-notifika mill-gdid.

Ghalhekk seta' jobsor illi b'ghemilu kien ser jippermetti lid-difiza teccepixxi l-preskrizzjoni.
Hu hekk ghamel. Ippermetta lid-difiza li teccepixxi l-preskrizzjoni. Dan fuq il-premessa illi d-data indikata fil-komparixxi kienet zbaljata, meta fir-realita' d-data kienet dik korretta.
Il-fatt illi kellu seba' (7) possibilitajiet quddiemu u m'ghazel l-ebda wahda minnhom, jirrifletti nuqqas serju min-naha tieghu – ferm u ferm negligenti jekk mhux ukoll intenzjonat.
Ghalhekk l-estinzjoni ta' l-azzjoni ma kienx hemm lok ghaliha. Konsegwentement ma kienx hekk lok li l-imputata Jacqueline Leonard tinheles.

2. It-tieni aggravju jirrigwarda proprju dan l-aspett, u qed jigi ssollevat minghajr pregudizzju ghall-aggravju l-iehor. Il-qorti, wara li giet indotta fl-izball mill-prosekuzzjoni stess u finalment mid-difiza, spiccat biex minflok ma ddikjarat il-procediment ezawrit – kif ghanu jsir meta tigi milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in vista ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni – iddikjarat lill-imputata mhux hatja billi "lliberata". Hekk gie ddettat fuq il-prime note tas-seduta, li l-esponenti kkonsultat fis-7 ta' Ottubru 2009, l-ghada tas-seduta.

A skans ta' kull ekwivoku, l-esponenti bhala parti leza mhix qed tghid illi l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara l-procediment ezawrit – xejn minn dan. Il-procediment kien san u korrett u kellu jitkompla. L-esponenti qeghda tghid illi meta Qorti tqis l-azzjoni estinta minhabba preskrizzjoni, ma tilliberaz lill-imputat izda tiddikjara l-procediment ezawrit. Dana peress li meta Qorti tiddikjara l-azzjoni preskritta, bl-ebda mod ma tkun qed tippronunzja ruhha fuq il-mertu.

Ghalhekk, id-"decide" huwa zbaljat.

Ikkunsidrat :

Illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar, 2010 l-appellat permezz tal-Avukat Difensur tieghu ecepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell u kkontenda illi bhala parti civili f'kawza kriminali ma kellux dritt tal-appell.

Spjega li l-ligi taghti l-parti civili tlett cirkostanzi biss fejn jista' jappella. Dawn huma :
1. Meta r-reat ikun ta' kompetenza original ital-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;
2. li l-azzjoni kriminali rigward dak ir-reat ma jkunx jista' jitmexxa hlief bil-kwerela tal-offiz;
3. meta l-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provdut fl-artikolu 374 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti jidhrilha li l-appellat ghandu ragun. Il-Kodici Kriminali jitkellem car dwar min jista' jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Vella deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 24-02-2000, fejn fost affarijiet ohra qalet : "Jistghu jappellew il-persuna misjuba hatja f'kull kaz (Art. 413(1)(a)) u fl-kazijiet espressament imsemmija fl-artikolu 413 (1)(b), l-Avukat Generali u fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 373 il-kwerelant. Igifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta :
(a) ir-reat ikun ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, igifieri jkun inkwadra dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali moqri flimkien mall-artikolu 371;
(b) l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela tal-offiz;
(c) il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provdut fl-artikolu 374 tal-Kodici Kriminali b'mod li s-sentenza tinghata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiz) u tal-kwerelat (l-imputat) (u ghalhekk mill-okkjo tas-sentenza jkun jidher li l-partijiet fil-kawza huma l-kwerelant u l-imputat u mhux il-Pulizija u l-imputat).

F'dan il-kaz il-kontravenzjonijiet ipotizzati kienu ksur tal-paci pubblika kif ukoll theddid u insolenzi, liema

kontravenzjonijiet huma ta’ kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali izda mhumiex kontravenzjonijiet li l-azzjoni fir-rigward taghhom jinhtieg il-kwerela tal-parti leza. Dawn il-kontravenzjonijiet huma prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija peress illi jilledu d-drittijiet kontra l-ordni pubbliku u m’hemmx ghalfejn kwerela ghat-tmexxija tal-azzjoni. F’dan il-kaz inoltre l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-prosekuzzjoni esekuttiva w mhux mill-kwerelant jew il-parti leza, tant li s-sentenza inghatat fil-konfront tal-Pulizija u tal-imputat Nazzareno Busuttil (ara Apell 439/07G Pulizija vs Joseph Bugeja 25 ta’ Jannar, 2008).

Il-parti leza sempliciment ikkostitwixxiet ruhha bhala parti civili fil-kawza fit-termini tas-sub-artikolu 3 tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali.

Dana ma jaghtihix dritt ta’ appell lanqas bl-emendi godda illi gew introdotti fl-2002.

Kif gja inghad id-dritt ta’ appell huwa moghti mill-Kodici Kriminali unikament b’dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni tan-nullita’ tar-rikors tal-appell, tiddikjara l-istess rikors irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------